ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 23

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

28 ta' Jannar 2012

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2012/C 23/01 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 1 |
| 2012/C 23/02 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 6 |
| 2012/C 23/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6350 – Siemens/Nem Holding) (1) | 10 |
| 2012/C 23/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6403 – Volkswagen/KPI Polska/Skoda Auto Polska/VW Bank Polska/VW Leasing Polska) (1) | 10 |
| 2012/C 23/05 | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-kwantità disponibbli għas-subperjodu ta' Mejju 2012 fil-qafas ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni Ewropea għal prodotti tas-settur tar-ross | 11 |


MT

Prezz:
EUR 3

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 23/06 Rata tal-kambju tal-euro ........ 12

2012/C 23/07 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako ........ 13

2012/C 23/08 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-għaqdiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Novembru 2010 dwar abbozz preliminari ta' deċiżjoni marbut mal-Każ COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care – Rapporteur: Is-Slovakkja ........ 25

2012/C 23/09 Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta – COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care ........ 28

2012/C 23/10 Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2010 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care) *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7934)* [1] ........ 30


---

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 23/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6445 – Eurochem/BASF Antwerp Assets) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ........ 35

2012/C 23/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6451 – Schneider Electric France/Bouygues Immobilier/JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ........ 36

2012/C 23/13 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6216 – IHC/DEME/OceanflORE JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ........ 37


MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/01)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 23.5.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.32051 (10/N) |
| Stat Membru | Il-Latvja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Temporary Framework – Guarantees for development of enterprise competitiveness – amendment to N 506/09 |
| Il-bażi legali | Cabinet Regulations No 269 'Regulations on Guarantees for Development of Enterprise and Cooperative Partnerships which provide Agricultural Services Competitiveness' |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma tal-għajnuna | Garanzija |
| L-estimi | Baġit globali: LVL 40,6 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 30.10.2010-31.12.2010 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Latvian Guarantee Agency<br>Tirgonu Str. 11/13; 15<br>Rīga, LV-1050<br>LATVIJA |

| | |
|---|---|
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 7.12.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33042 (11/N) |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | Wielkopolska |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Pomoc na restrukturyzację dla Przedsiębiorstwa Komunikacji Samochodowej w Ostrowie Wielkopolskim Sp. z o.o. |
| Il-bażi legali | 1) Ustawa z dnia 30 sierpnia 1996 r. o komercjalizacji i prywatyzacji – art. 56 ust. 1 pkt 2<br>2) Ustawa z dnia 29 kwietnia 2010 r. o zmianie ustawy o komercjalizacji i prywatyzacji oraz ustawy – Przepisy wprowadzające ustawę o finansach publicznych – art. 5<br>3) Rozporządzenie Ministra Skarbu Państwa z dnia 6 kwietnia 2007 r. w sprawie pomocy publicznej na ratowanie i restrukturyzację przedsiębiorców |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Ir-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà |
| Il-forma tal-għajnuna | Forom oħra ta' intervent ta' ekwità |
| L-estimi | Baġit globali: PLN 3,65 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 2011-2012 |
| Setturi ekonomiċi | Trasport |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Minister Skarbu Państwa<br>ul. Krucza 36/Wspólna 6<br>00-522 Warszawa<br>POLSKA/POLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 8.12.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33098 (11/N) |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Staatssteun ten gunste van producenten van audiovisuele werken (VAF Filmfonds en VAF Mediafonds) |
| Il-bażi legali | 1. Decreet van 13 april 1999 houdende machtiging van de Vlaamse regering om toe te treden tot en om mee te werken aan de oprichting van de vereniging zonder winstgevend doel Vlaams audiovisueel Fonds.<br>2. Decreet van 27 maart 2009 betreffende radio-omroep en televisie.<br>3. Beheersovereenkomst tussen de Vlaamse Gemeenschap en het Vlaams Audiovisueel Fonds vzw 2011-2013.<br>4. Beheersovereenkomst tussen de Vlaamse Gemeenschap en het Vlaams Audiovisueel Fonds vzw 2011-2013 m.b.t. het Mediafonds. |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 18,97 miljun<br>Baġit globali: EUR 56,91 miljun |
| L-intensità | 50 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2011-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Il-Midja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Vlaamse Overheid — Departement Cultuur Jeugd Sport en Media<br>Arenbergstraat 9<br>1000 Bruxelles/Brussel<br>BELGIQUE/BELGIË |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 8.8.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33238 (11/N) |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Friuli Venezia Giulia |

| | |
|---|---|
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Aiuto al salvataggio di FADALTI SpA |
| Il-bażi legali | Nuova disciplina dell'amministrazione straordinaria delle grandi imprese in stato di insolvenza, a norma dell'art. 1 della legge 30 luglio 1998 n. 274. D.lgs. 8 luglio 1999 n. 270; decreto legge 23 dicembre 2003 n. 347, conertito nella legge 18 febbraio 2004 n. 39 e ss.mm.; decreto del Ministero dell'Economia e delle Finanze 23 dicembre 2004, n. 319, Regolamento recante le condizioni e le modalità di prestazione della garanzia statale sui finanziamenti a favore delle grandi mprese in stato di insolvenza, asi sensi dell'art. 101 del D.lvo 270/1999 |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Is-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà |
| Il-forma tal-għajnuna | Garanzija |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 5 miljun<br>Baġit globali: EUR 5 miljun |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | 8.2011-2.2012 |
| Setturi ekonomiċi | Il-kostruzzjoni |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerio dello Sviluppo Economico<br>Via Molise 2<br>00196 Roma RM<br>ITALIA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 11.1.2012 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33844 (11/N) |
| Stat Membru | Id-Danimarka |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Prolongation of the Danish export credit financing scheme |
| Il-bażi legali | Danish Act on Eksport Kredit Fonden |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma tal-għajnuna | Kuntratti ad hoc |
| L-estimi | Baġit globali: DKK 20 000 miljun |

| | |
|---|---|
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 11.1.2012-31.12.2015 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Kingdom of Denmark |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

**Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/02)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 7.12.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.32834 (11/N) |
| Stat Membru | L-Iżvezja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Nedsättning av egenavgifter |
| Il-bażi legali | Lagen (2001:1170) om särskilda avdrag i vissa fall vid avgiftsberäkningen enligt lagen (1994:1920) om allmän löneavgift och socialavgiftslagen (2000:980). |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Impriżi ta' daqs żgħir u medju |
| Il-forma tal-għajnuna | Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali |
| L-estimi | Baġit annwali: SEK 1 500 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | Mhux limitata |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Skatteverket |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 20.12.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33180 (11/N) |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Program pomocy na usuwanie skutków przyszłych powodzi |
| Il-bażi legali | Ustawa o szczególnych rozwiązaniach związanych z usuwaniem skutków powodzi |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |

| | |
|---|---|
| L-għan | Kumpens għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew avvenimenti eċċezzjonali |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta, Self b'rata ta' imgħax baxxa, Vantaġġ fiskali |
| L-estimi | Baġit annwali: PLN 600 miljun |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | sal-20.12.2017 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Fundusz Gwarantowanych Świadczeń Pracowniczych, Fundusz Pracy, Państwowy Fundusz Rehabilitacji Osób Niepełnosprawnych, Zakład Ubezpieczeń Społecznych, starosta, fundusze pożyczkowe |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 22.12.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33433 (11/N) |
| Stat Membru | Ir-Repubblika Ċeka |
| Reġjun | Vysočina |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Město Bystřice nad Pernštejnem (Centrum zelených vědomostí) |
| Il-bażi legali | Smlouva o poskytnutí dotace z Regionálního operačního programu NUTS 2 Jihovýchod (XR 4/2008); Usnesení zastupitelstva č. 11/2009 ze dne 8. dubna 2009 o schválení projektového záměru |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Il-konservazzjoni ta' wirt, Kultura, Taħriġ |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: CZK 128 616 026 |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2015 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport, L-edukazzjoni |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Regionální rada regionu soudržnosti Jihovýchod<br>Kounicova 13<br>602 00 Brno<br>ČESKÁ REPUBLIKA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 16.12.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33606 (11/N) |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Refund of Social Security Contributions of Seafarers |
| Il-bażi legali | S.I No. 204/2006 — Social Welfare (Consolidated Contributions and Insurability) (Refunds) Regulations |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Żvilupp settorjali, Impjiegi |
| Il-forma tal-għajnuna | Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, Allowance fiskali |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 0,57 miljun<br>Baġit globali: EUR 3,42 miljun |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2011-31.12.2016 |
| Setturi ekonomiċi | Trasport |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Department of Transport, Tourism and Sport<br>Maritime Transport Division<br>Leeson Lane<br>Dublin 2<br>IRELAND<br>http://www.dttas.ie |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 8.12.2012 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33740 (11/N) |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Prolongation of the ELG Scheme until 30 June 2012 |

| | |
|---|---|
| Il-bażi legali | The Credit Institutions (Financial Support) Act 2008<br>The Credit Institutions (Eligible Liabilities Guarantee) Scheme 2009 as amended |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma tal-għajnuna | Garanzija |
| L-estimi | […] (*) |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2012-30.6.2012 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Department of Finance<br>Government Buildings<br>Merrion Street<br>Dublin 2<br>IRELAND |
| Aktar informazzjoni | — |

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.6350 – Siemens/Nem Holding)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/03)

Fit-28 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6350. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.6403 – Volkswagen/KPI Polska/Skoda Auto Polska/VW Bank Polska/VW Leasing Polska)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/04)

Fid-19 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6403. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-kwantità disponibbli għas-subperjodu ta' Mejju 2012 fil-qafas ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni Ewropea għal prodotti tas-settur tar-ross**

(2012/C 23/05)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2009 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCT) ([1]). Ma ġewx imressqa applikazzjonijiet għal liċenzja tal-importazzjoni matul l-ewwel sebat ijiem ta' Jannar 2012 għall-kwoti bin-numru tas-serje 09.4189 u 09.4190.

Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([2]), il-kwantitajiet li għalihom ma jitressqux applikazzjonijiet għandhom jiżdiedu ma' tas-subperjodu ta' wara.

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2009, il-kwantitajiet disponibbli fis-subperjodu ta' wara għandhom jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni sal-25 jum tal-aħħar xahar ta' subperjodu partikolari.

B'konsegwenza ta' dan, il-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Mejju 2012 fil-kuntest tal-kwoti bin-numri tas-serje 09.4189 u 09.4190, kif imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1274/2009, huma stabbiliti fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

([1]) ĠU L 344, 23.12.2009, p. 3.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

*ANNESS*

**Kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu li jmiss, skont ir-Regolament (UE) Nru 1274/2009**

| Oriġni | Numru tas-serje | Applikazzjonijiet għal liċenzja tal-importazzjoni milqugħa għas-subperjodu ta' Jannar 2012 | Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Mejju 2012 (f'kg) |
|---|---|---|---|
| L-Antilli Olandiżi u Aruba | 09.4189 | ([1]) | 16 667 000 |
| OCTs l-inqas żviluppati | 09.4190 | ([1]) | 6 667 000 |

([1]) Ma japplikax il-koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dan is-subperjodu: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**Is-27 ta' Jannar 2012**

(2012/C 23/06)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3145 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2326 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 101,18 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3129 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4335 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1947 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83685 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5949 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,8966 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6485 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2078 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 475,64 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,2035 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,6450 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,2995 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5698 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,156 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 809,33 |
| HUF | Forint Ungeriż | 293,95 | MYR | Ringgit Malażjan | 3,9941 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 56,313 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6991 | RUB | Rouble Russu | 39,7400 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2207 | THB | Baht Tajlandiż | 40,920 |
| RON | Leu Rumen | 4,3457 | BRL | Real Brażiljan | 2,2903 |
| TRY | Lira Turka | 2,3389 | MXN | Peso Messikan | 17,0004 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 64,9300 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Novembru 2011

## dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako

(2012/C 23/07)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2011 dwar l-arranġamenti għan-negozjar mill-ġdid tal-Ftehim Monetarju bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-Gvern tal-Altezza Serenissima tiegħu l-Prinċep ta' Monako ([1]), u partikolarment l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Diċembru 2001 ġie konkluż il-Ftehim Monetarju bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-Gvern tal-Altezza Serenissima tiegħu l-Prinċep ta' Monako ([2]) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").

(2) Fil-konklużjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2009 il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-funzjonament tal-Ftehimiet Monetarji eżistenti u biex tqies il-possibbiltà ta' żidiet fil-livelli massimi għall-ħruġ ta' muniti.

(3) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-Komunikazzjoni dwar il-funzjonament tal-Ftehimiet Monetarji mal-Principalità ta' Monako (minn hawn 'il quddiem "Monako"), San Marino u l-Vatikan li l-Ftehim fil-forma attwali tiegħu jeħtieġ emendi bil-għan li jiġi żgurat approċċ konsistenti fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li ffirmaw ftehim monetarju.

(4) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2011 u partikolarment l-Artikolu 4 tagħha, il-Ftehim ma' Monako ġie nnegozjat mill-ġdid b'suċċess minn Franza u l-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew (il-BĊE) kien assoċjat bis-sħiħ man-negozjati u ta l-qbil tiegħu dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu.

(5) Il-Kummissjoni ressqet abbozz tal-Ftehim innegozjat mill-ġdid lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) għall-opinjoni tiegħu.

(6) La l-BĊE u lanqas il-KEF mhuma tal-opinjoni li l-ftehim għandu jiġi sottomess lill-Kunsill.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako huwa b'hekk approvat.

It-test tal-Ftehim jinsab fl-Anness I

*Artikolu 2*

Il-Viċi-President responsabbli mill-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-euro qiegħed jiġi awtorizzat jiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011. Għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2011.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*
Olli REHN
*Viċi President*

([1]) ĠU L 81, 29.3.2011, p. 3.
([2]) ĠU L 142, 31.5.2002, p. 59.

*ANNESS*

**FTEHIM MONETARJU**

**bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako**

L-UNJONI EWROPEA, irrappreżentata mir-Repubblika Franċiża u mill-Kummissjoni Ewropea,

u

L-PRINĊIPALITÀ TA' MONAKO,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Jannar 1999, l-euro ħadet post il-munita ta' kull Stat Membru li pparteċipa fit-tielet stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, fost dawn Franza, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998.

(2) Qabel il-ħolqien tal-euro, Franza u l-Prinċipalità ta' Monako kienu diġà marbuta flimkien permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar il-qasam monetarju u bankarju, b'mod partikolari permezz tal-Konvenzjoni Franko-Monegaska dwar il-kontroll tal-kambju tal-14 ta' April 1945 u bil-Ftehim tal-Viċinat tat-18 ta' Mejju 1963.

(3) Il-Prinċipalità ta' Monako ġiet awtorizzata tuża l-euro bħala munita uffiċjali mill-1 ta' Jannar 1999 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Diċembru 1998 ([1]).

(4) L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mir-Repubblika Franċiża flimkien mal-Kummissjoni u l-BĊE, fl-24 ta' Diċembru 2001 ikkonkludiet Ftehim Monetarju mal-Prinċipalità ta' Monako. Il-Ftehim tal-Viċinat bejn ir-Repubblika Franċiża u l-Prinċipalità ta' Monako ġie aġġornat b'konsegwenza ta' dan.

(5) Skont dan il-Ftehim Monetarju, il-Prinċipalità ta' Monako hija intitolata li tkompli tuża l-euro bħala l-munita uffiċjali tagħha u li tagħti status ta' valuta legali lill-karti u l-muniti tal-euro. Ir-regoli tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness għal dan il-Ftehim japplikaw fuq it-territorju tagħha skont il-kundizzjonijiet previsti minn dan il-Ftehim.

(6) Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-muniti u l-karti denominati f'euro jkunu applikabbli fit-territorju tagħha; dawn il-muniti u l-karti għandhom ikunu soġġetti għal protezzjoni xierqa kontra l-iffalsifikar; huwa importanti li l-Prinċipalità ta' Monako tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġġieled kontra l-iffalsifikar u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-BĊE, ma' Franza u mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) f'dan il-qasam.

(7) Dan il-Ftehim Monetarju ma jagħti l-ebda dritt lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u, jekk ikun il-każ, lill-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fuq it-territorju tal-Prinċipalità ta'Monako f'dak li għandu x'jaqsam mal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà ta' provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea. Dan ma jagħti l-ebda dritt lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u, jekk ikun il-każ, lill-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fuq it-territorju tal-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà ta' provvista ta' servizzi fil-Prinċipalità ta' Monako.

(8) Dan il-Ftehim Monetarju ma jimponi ebda obbligu fuq il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali li jinkludu l-istrumenti finanzjarji tal-Prinċipalità ta' Monako fil-lista/i ta' titoli eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.

(9) Il-Prinċipalità ta' Monako fuq it-territorju tagħha tagħmel użu minn kumpaniji ta' ġestjoni li jwettqu l-attivitajiet ta' ġestjoni għal terzi jew għal trażmissjoni ta' ordnijiet li s-servizzi tagħhom ikunu rregolati biss bil-liġi ta' Monako, bla ħsara għall-obbligi msemmija fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 11. Dawn il-kumpaniji ma jistax ikollhom aċċess għas-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli.

(10) Fil-kontinwità tar-rabtiet storiċi li jeżistu bejn Franza u l-Prinċipalità ta' Monako u tal-prinċipji stabbiliti mill-Ftehim Monetarju tal-24 ta' Diċembru 2001, l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako impenjaw ruħhom biex b'rieda tajba jikkooperaw sabiex jiżguraw l-effett utli ta' dan il-Ftehim fl-intier tiegħu.

([1]) ĠU L 30, 4.2.1999, p. 31.

(11) Ġie stabbilit Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Prinċipalità ta' Monako, tar-Repubblika Franċiża, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BĊE sabiex jeżamina l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, biex jiddeċiedi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-limitu annwali għall-ħruġ tal-muniti, biex jistudja jekk huwiex biżżejjed il-proporzjon minimu ta' muniti li jkunu se jinħarġu b'valur nominali u biex jevalwa l-miżuri li jkunu ttieħdu mill-Prinċipalità ta' Monako biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

(12) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun il-korp inkarigat mis-soluzzjoni tat-tilwim li jirriżulta min-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jew minn nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni prevista minn dan il-Ftehim u li fir-rigward tagħhom jinstab li l-partijiet ma setgħux jilħqu ftehim minn qabel,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tkun intitolata li tuża l-euro bħala l-munita uffiċjali tagħha f'konformità mar-regolamenti (KE) Nru 1103/97 u (KE) Nru 974/98 kif emendati. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tagħti status ta' valuta legali lill-karti u l-muniti tal-euro.

*Artikolu 2*

Il-Prinċipalità ta' Monako ma għandhiex toħroġ karti, jew muniti, sakemm il-kundizzjonijiet għal dan il-ħruġ ma jkunux miftiehma mal-Unjoni Ewropea. Il-kundizzjonijiet biex jinħarġu muniti tal-euro mill-1 ta' Jannar 2011 huma stipulati fl-Artikoli li ġejjin.

*Artikolu 3*

1. Il-limitu annwali, f'terminu ta' valur, għall-ħruġ ta' muniti tal-euro għall-Prinċipalità ta' Monako jinkludi:

parti fissa, li l-ammont inizjali tagħha għall-2011 huwa stipulat għal EUR 2 340 000.

parti varjabbli, li tikkorrispondi, f'termini ta' valur, mal-ħruġ medju ta' muniti per capita tar-Repubblika Franċiża matul is-sena n-1 immultiplikat bl-għadd ta' abitanti tal-Prinċipalità ta' Monako.

Il-Kumitat Konġunt jista' jirrevedi l-parti fissa kull sena sabiex iqis kemm l-inflazzjoni – fuq il-bażi tal-Indiċi Armonizzata tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ta' Franza matul is-sena n-1 – kif ukoll l-iżviluppi sinifikanti potenzjali li jaffettwaw is-suq tal-muniti tal-euro għall-kollezzjonisti.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako tista' wkoll toħroġ munita speċjali kommemorattiva u/jew muniti għall-kollezzjonisti fl-okkażjoni tal-avvenimenti importanti għall-Prinċipalità. Fil-każ li din il-ħarġa speċjali ttella' l-ħruġ ġenerali 'l fuq mil-limitu stipulat fil-paragrafu 1, il-valur ta' din il-ħarġa jitqies għall-użu tal-parti li jkun fadal mil-limitu tas-sena ta' qabel u/jew jitnaqqas mil-limitu tas-sena li tkun ġejja.

*Artikolu 4*

1. Il-muniti tal-euro maħruġa mill-Prinċipalità ta' Monako huma identiċi għal dawk li jinħarġu mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li adottaw l-euro f'dak li jikkonċerna l-valur nominali, l-istatus ta' valuta legali, il-karatteristiċi tekniċi, il-karatteristiċi artistiċi tan-naħa komuni u l-karatteristiċi artistiċi komuni tan-naħa nazzjonali.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tikkomunika minn qabel l-abbozzi tan-naħat nazzjonali tal-muniti tal-euro tagħha lill-Kummissjoni, li għandha tivverifika l-konformità tagħhom mar-regoli tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 5*

Franza għandha tqiegħed *l'Hôtel de la monnaie de Paris* għad-dispożizzjoni tal-Prinċipalità ta' Monako biex jiġu stampati l-muniti tagħha, f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Ftehim tar-Relazzjoni tal-Bon Viċinat bejn Franza u l-Prinċipalità ta' Monako tat-18 ta' Mejju 1963.

*Artikolu 6*

1. F'konformità mal-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-volum tal-muniti tal-euro maħruġin mill-Prinċipalità ta' Monako għandu jiżdied mal-volum tal-muniti maħruġin minn Franza għall-għan tal-approvazzjoni tal-volum totali tal-ħruġ ta' Franza mill-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tavża lir-Repubblika ta' Franza, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena, dwar il-volum u l-valur nominali tal-muniti tal-euro li tkun biħsiebha toħroġ matul is-sena li tkun ġejja. Għandha tavża wkoll lill-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' ħruġ ippjanati għall-muniti tagħha.

3. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena 2011 meta tiffirma dan il-Ftehim.

4. Bla ħsara għall-ħruġ ta' muniti għall-kollezzjonisti, il-Prinċipalità ta' Monako għandha toħroġ fiċ-ċirkolazzjoni b'valur nominali mill-inqas 80 % tal-muniti tal-euro li toħroġ kull sena. Kull ħames snin il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina jekk il-proporzjon minimu ta' muniti li għandhom jiġu introdotti b'valur nominali huwiex adegwat u jista' jiddeċiedi li jibdlu.

*Artikolu 7*

1. Il-Prinċipalità ta' Monako tista' toħroġ muniti tal-euro għall-kollezzjonisti. Dawn għandhom ikunu inklużi mal-limitu annwali stipulat fl-Artikolu 3. Il-ħruġ ta' muniti tal-euro għall-kollezzjonisti mill-Prinċipalità ta' Monako għandu jsir skont il-linji gwida tal-UE dwar il-muniti tal-euro għall-kollezzjonisti, li jipprovdu fost oħrajn li l-karatteristiċi tekniċi u artistiċi u denominazzjonijiet tal-muniti tal-euro maħruġin għall-kollezzjoni għandhom ikunu jippermettu li ssir distinzjoni bejniethom u l-muniti tal-euro li jkunu maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni.

2. Il-muniti tal-kollezzjonisti maħruġin mill-Prinċipalità ta' Monako mhumiex se jkollhom valuta legali fl-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 8*

Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġġieled kontra l-iffalsifikar u tikkoopera mal-Kummissjoni, mal-BĊE, ma' Franza u mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) f'dan il-qasam.

*Artikolu 9*

Il-Prinċipalità ta' Monako għandha timpenja ruħha sabiex:

(a) Tapplika l-atti legali u r-regoli tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness A u li jaqgħu fil-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 11.2 u li huma applikati direttament minn Franza jew id-dispożizzjonijiet meħuda minn Franza biex tittrasponi dawn l-atti legali u r-regoli skont it-termini tal-Artikoli 11.2 u 11.3.;

(b) Tadotta miżuri ekwivalenti għall-atti legali u r-regoli tal-Unjoni Ewropea elenkati fl-Anness B, li huma applikati direttament mill-Istati Membri jew li dawn jittrasponu, skont it-termini tal-Artikoli 11.4 11.5 u 11.6, fl-oqsma li ġejjin:

— il-liġi bankarja u finanzjarja kif ukoll prevenzjoni tal-ħasil tal-flus fl-oqsma u skont it-termini previsti fl-Artikolu 11;

— il-prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar tal-mezzi ta' ħlas bi flus kontanti u b'mezzi oħrajn, midalji u tokens.

(c) Tapplika direttament fuq it-territorju tagħha l-atti legali u r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kif ukoll il-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika adottati skont l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni speċjali oħra prevista f'dan il-Ftehim. Il-Kummissjoni, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandha żżomm lill-awtoritajiet ta' Monako infurmati dwar il-lista ta' atti u regoli kkonċernati.

*Artikolu 10*

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, meta jkun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu awtorizzati biex jaħdmu fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako jistgħu, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11, jipparteċipaw fis-sistemi ta' sald interbankarji u ta' saldu tat-titoli u l-pagamenti tal-Unjoni Ewropea skont l-istess termini bħall-istabbilimenti ta' kreditu u, fejn ikun xieraq, l-istabbilimenti finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu stabbiliti fi Franza u sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati għall-aċċess għal dawn is-sistemi.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, meta jkun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako huma soġġetti, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11, għall-istess miżuri adottati mill-Bank ta' Franza fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-BĊE dwar strumenti u proċeduri ta' politika monetarja bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu u, meta jkun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Franza.

*Artikolu 11*

1. L-atti legali adottati mill-Kunsill skont l-Artikolu 129(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 5.4, jew 19.1, jew 34.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-Istatut), mill-BĊE skont l-atti legali msemmija qabel adottati mill-Kunsill jew l-Artikoli 5, 16, 18, 19, 20, 22 jew 34.3 tal-Istatut, jew mill-Bank ta' Franza għall-implimentazzjoni tal-atti legali adottati mill-BĊE, huma applikabbli fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako. Dan japplika wkoll għall-emendi possibbli ta' dawn l-atti.

2. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tapplika d-dispożizzjonijiet adottati minn Franza biex tittrasponi l-atti tal-Unjoni dwar l-attività u l-kontroll tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-prevenzjoni ta' riskji sistematiċi għas-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli li jinsabu fl-Anness A. Għal dan l-għan, il-Prinċipalità ta' Monako għandha tapplika, l-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju Franċiż dwar l-attività u l-kontroll tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll ir-regolamenti adottati skont kif previst mill-Konvenzjoni Franko-Monegaska dwar il-kontroll tal-kambju tal-14 ta' April 1945 u permezz tal-iskambji ta' ittri ta' interpretazzjoni sussegwenti bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-gvern tal-Altezza Serenissima tiegħu l-Prinċep ta' Monako tat-18 ta' Mejju 1963, tal-10 ta' Mejju 2001, tat-8 ta' Novembru 2005 u tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-regolamentazzjoni tal-bank, u t-tieni nett, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju Franċiż dwar il-prevenzjoni tar-riskji sistematiċi għas-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli.

3. Il-lista li tinsab fl-Anness A se tiġi emendata mill-Kummissjoni ma' kull emenda tat-testi kkonċernati u kull darba li jiġi adottat test ġdid mill-Unjoni Ewropea, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-data tad-dħul fis-seħħ u tat-traspożizzjoni tat-testi. L-atti legali u r-regoli stabbiliti fl-Anness A huma applikati mill-Prinċipalità ta' Monako sa mill-inklużjoni tagħhom fil-liġi Franċiża f'konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Ma' kull emenda, il-lista aġġornata se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU).

4. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tadotta miżuri ekwivalenti għal dawk meħuda mill-Istati Membri skont l-atti tal-Unjoni li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u li jinsabu fl-Anness B. Il-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 13 għandu jeżamina l-ekwivalenza bejn il-miżuri meħuda minn Monako u dawk meħuda mill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni imsemmija aktar 'il fuq skont proċedura li għandha tiġi stabbilita minn dan il-Kumitat.

5. Bla ħsara għall-proċedura prevista fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, il-lista li tinsab fl-Anness B se tiġi emendata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, waqt l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam kopert minn dan il-Ftehim li tqis li għandha tiġi inkluża fil-lista li tinsab fl-Anness B, għandha tinforma lill-Prinċipalità ta' Monako. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tirċievi kopji tad-dokumenti prodotti mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni

Ewropea fl-istadji differenti tal-proċedura leġiżlattiva. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-Anness B kif emendat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU).

Il-Kumitat Konġunt jiddeċiedi wkoll dwar limiti ta' żmien xierqa u raġonevoli għall-implimentazzjoni mill-Prinċipalità ta' Monako ta' atti legali ġodda u regoli miżjuda fl-Anness B.

6. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tieħu l-miżuri ekwivalenti għad-direttivi tal-Unjoni Ewropea li jinsabu fl-Anness B dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF). L-inklużjoni fl-Anness B tar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus tiġi deċiża każ b'każ mill-Kumitat Konġunt. L-Unità tal-Intelligence Finanzjarja tal-Prinċipalità ta' Monako u dawk tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jkomplu b'mod attiv bil-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

7. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u, fejn ikun xieraq, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn, u l-aġenti ta' rappurtar l-oħrajn li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako huma soġġetti għal sanzjonijiet u proċeduri dixxiplinarji implimentati f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-atti legali msemmija fil-paragrafi preċedenti. Il-Prinċipalità ta' Monako għandha tiżgura l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-awtoritajiet kompetenti b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

8. L-atti legali msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jidħlu fis-seħħ fil-Prinċipalità ta' Monako fl-istess jum bħal fl-Unjoni Ewropea għal dawk li huma ppubblikati fil-ĠU, fl-istess jum bħal fi Franza għal dawk li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* (*Journal officiel de la République française* — JORF). L-atti legali ġenerali msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu li ma jiġux ippubblikati fil-ĠU jew fil-JORF jidħlu fis-seħħ minn meta jintbagħtu lill-awtoritajiet ta' Monako. L-atti ta' natura individwali msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu huma applikabbli sa minn meta ssir in-notifika tagħhom lir-riċevitur tagħhom.

9. Qabel l-għoti ta' ftehim lil intrapriżi tal-investiment li jkunu jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako u li x'aktarx ikunu joffru servizzi ta' investiment differenti mill-attivitajiet ta' ġestjoni għall-kont ta' terzi u ta' trażmissjoni ta' ordnijiet, u bla ħsara għall-obbligi msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Prinċipalità ta' Monako timpenja ruħha biex tieħu l-miżuri ta' effett ekwivalenti għal dawk tal-atti legali tal-Unjoni fis-seħħ li jirregolaw dawn is-servizzi. B'deroga mill-proċedura prevista fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, dawn l-atti b'hekk se jiġu inklużi fl-Anness B mill-Kummissjoni.

*Artikolu 12*

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-kompetenza esklużiva li ssolvi kull tilwima bejn il-partijiet li tista' tinqala' min-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu jew min-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni prevista minn dan il-Ftehim u li ma tkunx setgħet tiġi solvuta fi ħdan il-Kumitat Konġunt. Il-partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu kull sforz sabiex it-tilwima tiġi solvuta b'mod amikevoli fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

2. Jekk ma jkun jista' jsir l-ebda ftehim amikevoli f'dan il-qafas, l-Unjoni Ewropea, li taġixxi skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' Franza u l-BĊE għall-kwistjonijiet irregolati minnu, jew il-Prinċipalità ta' Monako, tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, wara l-eżami preċedenti mill-Kumitat Konġunt, ikun jidher li l-parti l-oħra ma tkunx wettqet obbligu jew ma tkunx osservat dispożizzjoni prevista minn dan il-Ftehim. Is-sentenza tal-Qorti għandha torbot lill-partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza f'perjodu ta' żmien stabbilit mill-Qorti fis-sentenza tagħha.

3. Fil-każ li l-Unjoni Ewropea jew il-Prinċipalità ta' Monako jonqsu milli jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza tul il-perjodu mogħti lilhom, il-Parti l-oħra tista' minnufih ittemm il-Ftehim.

4. Il-kwistjonijiet kollha dwar il-validità tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Unjoni Ewropea li jittieħdu skont dan il-Ftehim, jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, kull persuna fiżika jew kull persuna ġuridika domiċiljata fit-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako tista' tuża l-mezzi ta' rikors miftuħa għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu stabbiliti fi Franza kontra l-atti legali indirizzati lilhom, tkun xi tkun l-għamla jew in-natura tagħhom.

*Artikolu 13*

1. Il-Kumitat Konġunt huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Prinċipalità ta' Monako u tal-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat Konġunt għandu jaqsam l-opinjonijiet u l-informazzjoni u jadotta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3, 6 u 11. Hu għandu jistudja l-miżuri meħudin mill-Prinċipalità ta' Monako u jagħmel ħiltu biex isolvi kull kunflitt potenzjali li jista' jinqala' minħabba l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Dan għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

2. Id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea hija magħmula mir-Repubblika Franċiża, li tippresjedi, mill-Kummissjoni Ewropea, u mill-Bank Ċentrali Ewropew. Id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha permezz ta' kunsens.

3. Id-delegazzjoni ta' Monako hija magħmula minn rappreżentanti maħtura mill-Ministru tal-Istat u ppreseduta mill-Kunsillier tal-Gvern għall-Finanzi u l-Ekonomija jew ir-rappreżentant tiegħu.

4. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, kif ukoll kull darba li wieħed mill-membri jqis dan bħala meħtieġ sabiex il-Kumitat ikun jista' jissodisfa l-missjonijiet li huwa inkarigat bihom minn dan il-Ftehim, b'mod partikolari skont l-iżviluppi leġiżlattivi fuq il-livell Ewropew, Franċiż u ta' Monako. Il-presidenza għandha tgħaddi minn sena għall-oħra

bejn il-President u d-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-President u d-delegazzjoni ta' Monako. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'vot unanimu tal-partijiet.

5. Is-Segretarjat tal-Kumitat huwa magħmul minn żewġ persuni maħtura, wieħed mill-President tad-delegazzjoni ta' Monako u l-ieħor mill-President tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Is-Segretarjat ukoll jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat.

*Artikolu 14*

Dan il-Ftehim jista' jintemm minn kull waħda mill-partijiet permezz ta' notifika minn sena qabel.

*Artikolu 15*

Dan il-Ftehim huwa mhejji bil-Franċiż, u meta jkun meħtieġ, jista' jiġi tradott f'lingwi oħrajn tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-verżjoni Franċiża biss hija awtentika.

*Artikolu 16*

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011.

*Artikolu 17*

Il-Ftehim Monetarju tal-24 ta' Diċembru 2001 għandu jitħassar fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Ir-referenzi għall-Ftehim tal-24 ta' Diċembru 2001 huma inklużi bħala referenzi għal dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell fid-29 ta' Novembru 2011 fi 3 kopji oriġinali bil-lingwa Franċiża.

*Għall-Unjoni Ewropea*

Olli REHN
*Viċi President*

François BAROIN
*Ministru tal-Ekonomija, Finanzi u Industrija tar-Repubblika Franċiża*

*Għall-Prinċipalità ta' Monako*

Michel ROGER
*Ministru tal-Istat*

*ANNESS A*

**Leġiżlazzjoni bankarja u finanzjarja**

Id-Direttiva 86/635/KEE tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn: għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 86/635/KEE fir-rigward tar-regoli tal-valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpaniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28.

Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE, 86/635/KEE u 91/674/KEE tal-Kunsill fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċertu kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u impriżi tal-assigurazzjoni, ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16.

Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' impriżi tal-assigurazzjoni, ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1.

Id-Direttiva 89/117/KEE tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-obbligi ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom barra dak l-Istat Membru, rigward il-pubblikazzjoni ta' dokumenti tal-kontijiet annwali, ĠU L 44, 16.2.1989, p. 40.

Id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpaniji tal-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid): għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2008/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 Li temenda d-Direttiva 2006/49/KE dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpaniji tal-investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, ĠU L 76, 19.3.2008, p. 54.

Id-Direttiva 2009/27/KE tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2009 li temenda ċerti annessi tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tekniċi dwar il-ġestjoni tar-riskji, ĠU L 94, 8.4.2009, p. 97.

Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji u l-ġestjoni tal-kriżijiet, ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97.

Id-Direttiva 2010/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-ritritolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni, ĠU L 329, 14.12.2010, p. 3.

Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120.

Id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti, ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE, sabiex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji, ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9.

Id-Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta' kopertura u taż-żmien għar-rimborż, ĠU L 68, 13.3.2009, p. 3.

Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli, ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu, ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37.

Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120.

Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid): ħlief għat-Titoli III u IV, ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2007/18/KE tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2007 li temenda d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esklużjoni jew l-inklużjoni ta' ċerti istituzzjonijiet mill-ambitu tal-applikazzjoni u tat-trattament ta' *exposures* għall-banek ta' żvilupp multilaterali, ĠU L 87, 28.3.2007, p. 9.

Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju, ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1.

Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1, dwar id-dispożizzjonijiet tat-Titoli I u II tad-Direttiva 2007/64/KE.

Id-Direttiva 2008/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2006/48/KE dwar l-istabbiliment u l-eżerċizzju tal-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 38.

Id-Direttiva 2009/83/KE tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2009 li temenda ċerti annessi tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tar-riskju, ĠU L 196, 28.7.2009, p. 14.

Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 rigward il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, ħlief għat-Titolu III tad-Direttiva 2009/110/KE.

Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97.

Id-Direttiva 2010/16/UE tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2010 li temenda d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-esklużjoni ta' ċerta istituzzjoni mill-ambitu [kamp] tal-applikazzjoni, ĠU L 60, 10.3.2010, p. 15.

Id-Direttiva 2010/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-remunerazzjoni, ĠU L 329, 14.12.2010, p. 3.

Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120.

Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15

Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu, ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37.

Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju, u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE, sabiex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji, ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9.

Id-Direttiva 2008/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2002/87/KE dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 40.

Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120.

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, li temenda d-Direttivi 85/611/KEE u 93/6/KEE tal-Kunsill u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE: għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u minbarra l-Artikoli 15, 31 sa 33 u t-Titolu II, ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

Rettifika għad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004), ĠU L 45, 16.2.2005, p. 18.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2006/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien, ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60.

Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju, ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1.

Id-Direttiva 2008/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 76, 19.3.2008, p. 33.

Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120.

u ssupplimentata minn dawn li ġejjin:

Ir-Regolament (KE) Nru 1287/2006 tal-Kummissjoni tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva, ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1.

Id-Direttiva 2006/73/KE tal-Kummissjoni tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanjiet ta' dik id-Direttiva , ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26.

Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, minbarra t-Titolu III tad-Direttiva 2009/110/KE.

Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE: fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-Titoli I u II tad-Direttiva 2007/64/KE, ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

Rettifika tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007), ĠU L 187, 18.7.2009, p. 5.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji u l-ġestjoni tal-kriżijiet, ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97.

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

*ANNESS B*

**Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus**

Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

emendata bis-segwenti:

Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE kif ukoll 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1, dwar id-dispożizzjonijiet tat-Titoli I u II tad-Direttiva 2007/64/KE.

Id-Direttiva 2008/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, ĠU L 76, 19.3.2008, p. 46.

Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, minbarra t-Titolu III tad-Direttiva 2009/110/KE.

Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120.

u ssupplimentata minn dawn li ġejjin:

Id-Direttiva 2006/70/KE tal-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' "persuni esposti politikament" u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna, ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29.

Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur (min iħallas), li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1.

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità, ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9.

**Il-prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar**

Id-Deċiżjoni Qafas 2001/413/ĠAI tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti (traduzzjoni mhux uffiċjali), ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1.

Ir-Regolament (KE) Nru 2182/2004 tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro, ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1.

emendat bis-segwenti:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro, ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro, ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.

emendat bis-segwenti:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro, ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1.

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2000/383/ĠAI tad-29 ta' Mejju 2000 dwar iż-żieda fil-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar fid-dawl tad-dħul tal-euro (traduzzjoni mhux uffiċjali), ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1.

emendata bis-segwenti:

Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/888/ĠAI tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/ĠAI dwar iż-żieda fil-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar fid-dawl tad-dħul tal-euro (traduzzjoni mhux uffiċjali), ĠU L 329, 14.12.2001, p. 3.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/887/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar, ĠU L 329, 14.12.2001, p. 1.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles"), ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50.

emendata bis-segwenti:

Id-Deċiżjoni 2006/75/KE tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2006 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni (il-programm "Pericles"), ĠU L 36, 8.2.2006, p. 40.

Id-Deċiżjoni 2006/849/KE tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2006 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (il-programm "Pericles"), ĠU L 330, 28.11.2006, p. 28.

**Leġiżlazzjoni bankarja u finanzjarja**

Id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur, ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-għaqdiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Novembru 2010 dwar abbozz preliminari ta' deċiżjoni marbut mal-Każ COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care**

**Rapporteur: Is-Slovakkja**

(2012/C 23/08)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata għandha dimensjoni komunitarja skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-operazzjoni preżenti, id-definizzjonijiet tas-swieq tal-prodotti rilevanti huma:

   (a) swieq separati għal deodoranti għall-irġiel u deodoranti mhux għall-irġiel;

   (b) suq għall-prodotti għall-banju u għad-doċċa, filwaqt li tista' ma ssirx distinzjoni ulterjuri bejn il-prodotti għall-banju u għad-doċċa, u distinzjoni bbażata fuq is-sess tal-persuna għall-prodotti għad-doċċa f'dan il-każ tista' titħalla miftuħa;

   (c) suq għas-sapun, filwaqt li distinzjoni bejn sapun likwidu u solidu tista' titħalla miftuħa f'dan il-każ;

   (d) suq għal prodotti għall-kura tal-ġilda, fejn mhux qed issir distinzjoni bejn prodotti għall-kura tal-wiċċ, l-id u l-ġisem;

   (e) suq għad-diterġenti, filwaqt li mhux meħtieġ li tiġi konkluża d-definizzjoni preċiża tal-prodott tas-suq f'dan il-każ;

   (f) suq għall-fabric conditioners, filwaqt li mhux meħtieġ li tiġi konkluża d-definizzjoni preċiża tal-prodott tas-suq f'dan il-każ;

   (g) suq għal prodotti tal-leħja, filwaqt li mhux meħtieġ li tiġi konkluża d-definizzjoni preċiża tal-prodott tas-suq f'dan il-każ;

   (h) suq għat-toothpaste, filwaqt li mhux meħtieġ li tiġi konkluża d-definizzjoni preċiża tal-prodott tas-suq f'dan il-każ;

   (i) suq għall-prodotti għall-kura tax-xagħar, filwaqt li mhux qed issir distinzjoni bejn xampujiet, conditioners/prodotti għat-trattament tax-xagħar u prodotti għall-immudellar tax-xagħar;

   (j) suq għal prodotti għat-tindif tad-dar, filwaqt li mhux meħtieġ li tiġi konkluża d-definizzjoni preċiża tal-prodott tas-suq f'dan il-każ, inkluż is-segmentazzjoni ta' prodotti tat-tindif b'aktar minn użu wieħed.

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-operazzjoni attwali, id-definizzjonijiet tas-swieq ġeografiċi rilevanti huma nazzjonali għas-swieq kollha analizzati.

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta x'aktarx ser tirriżulta f'impediment importanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu fis-swieq li ġejjin:

   (a) deodorants mhux għall-irġiel fil-Belġju;

   (b) deodorants mhux għall-irġiel fid-Danimarka;

   (c) deodorants mhux għall-irġiel fl-Irlanda;

(d) deodorants mhux għall-irġiel fil-Pajjiżi l-Baxxi;

(e) deodorants mhux għall-irġiel fil-Portugall;

(f) deodorants mhux għall-irġiel fi Spanja;

(g) deodorants għall-irġiel fi Spanja;

(h) deodorants mhux għall-irġiel fir-Renju Unit.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta x'aktarx mhux ser tirriżulta f'impediment importanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu fis-swieq li ġejjin:

(a) is-swieq kollha għad-deodorants għall-irġiel u mhux għall-irġiel apparti dawk imsemmija fil-mistoqsija 5 hawn fuq;

(b) is-swieq kollha għall-prodotti tal-banju u tad-doċċa;

(c) is-swieq kollha għas-sapun;

(d) is-swieq kollha għall-prodotti għall-kura tal-ġilda;

(e) is-swieq kollha għad-deterġenti;

(f) is-swieq kollha għall-fabric conditioners;

(g) is-swieq kollha għall-prodotti tal-leħja;

(h) is-swieq kollha għat-toothpaste;

(i) is-swieq kollha għall-prodotti għall-kura tax-xagħar;

(j) is-swieq kollha għall-prodotti għat-tindif tad-dar.

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji huma biżżejjed sabiex ineħħu l-impedimenti sinifikanti għall-kompetizzjoni fis-swieq li ġejjin:

(a) deodorants mhux għall-irġiel fil-Belġju;

(b) deodorants mhux għall-irġiel fid-Danimarka;

(c) deodorants mhux għall-irġiel fl-Irlanda;

(d) deodorants mhux għall-irġiel fil-Pajjiżi l-Baxxi;

(e) deodorants mhux għall-irġiel fil-Portugall;

(f) deodorants mhux għall-irġiel fi Spanja;

(g) deodorants għall-irġiel fi Spanja;

(h) deodorants mhux għall-irġiel fir-Renju Unit.

8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li jekk l-impenji offruti mill-partijiet ikunu segwiti, u jiġu kkunsidrati l-impenji kollha f'daqqa, il-konċentrazzjoni proposta mhux se toħloq impedimenti importanti għall-kompetizzjoni fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-Suq Intern u mal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

10. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta** ([1])

**COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care**

(2012/C 23/09)

Unilever N.V. u Unilever Plc, (flimkien minn hawn 'il quddiem imsejħa "Unilever") innotifikaw lill-Kummissjoni fil-21 ta' April 2010 li akkwistaw il-kontroll uniku tal-impriża Sara Lee Household u Body Care International (minn hawn 'il quddiem, imsejħa "Sara Lee"), li jappartjenu lil Sara Lee Corporation permezz ta' offerta irrevokabbli li torbot imħabbra fil-25 ta' Settembru 2009.

Wara eżami tan-notifika, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni notifikata taqa' taħt l-ambitu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) (minn hawn 'il quddiem, imsejjaħ "ir-Regolament tal-Għaqdiet") u li l-operazzjoni qajmet dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Għaldaqstant, fil-31 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedimenti u fetħet investigazzjoni fit-Tieni Fażi skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet intbagħtet lil Unilever fit-12 ta' Awwissu 2010 li fiha l-Kummissjoni stabbiliet il-konklużjoni preliminari tagħha li l-konċentrazzjoni notifikata ixxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'parti sostanzjali tas-suq komuni fit-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Wara li ngħatat aċċess għall-fajl, Unilever talbet fis-17 ta' Awwissu 2010, *fost oħrajn*, distribuzzjoni ulterjuri ta' ċerti dokumenti li hi ddikjarat kienu revisti eċċessivament. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-fornituri tal-informazzjoni u kisbet, għal ċerti dokumenti, verżjoni inqas revista li wara ġiet provduta lil Unilever. Din tal-aħħar irriservat id-dritt tagħha li titlob li d-drittijiet ta' difiża tagħha kienu mfixkla fid-dawl ta' tali aċċess differit għall-fajl. Madankollu, Unilever qatt ma rrevertiet għal din il-kwistjoni fil-bqija tal-proċedura jew fittxet id-deċiżjoni tal-Uffiċjal tas-Seduta.

Unilever wieġbet għad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet fis-27 ta' Awwissu 2010, mingħajr ma talbet seduta orali.

Jien aċċettajt kumpanija waħda bħala parti terza interessata li ġiet provduta b'informazzjoni dwar in-natura u s-suġġett tal-proċedimenti u kont mistieden mill-Kummissjoni biex nissottometti l-kummenti tagħha.

Fatti addizjonali miġbura mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ġew ippreżentati lil Unilever f'Ittra tal-Fatti mibgħuta fl-1 ta' Ottubru 2010, li biha ngħataw l-opportunità li jissottomettu osservazzjonijiet wara li kienu rċevew aċċess ulterjuri għall-fajl.

Sabiex tagħmel il-konċentrazzjoni proposta kompatibbli mas-suq intern, Unilever ipproponiet l-ewwel sett ta' impenji li ġew eżaminati fl-isfond tas-suq. Wara l-eżami fl-isfond tas-suq, il-parti li tinnotifika ssottomettiet sett rivedut ta' impenji li kienu ġew eżaminati fl-isfond tas-suq ukoll. Unilever irċeviet aċċess għall-osservazzjonijiet irċevuti wara l-eżamijiet fl-isfond tas-suq.

Sett finali ta' impenji ġie sussegwentement sottomess u l-Kummissjoni tikkunsidrah jindirizza t-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat fid-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet, notevolment fis-suq tal-fwejjaħ mhux għall-irġiel fil-Belġju, fid-Danimarka, fl-Irlanda, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Portugall, fi Spanja u fir-Renju Unit kif ukoll is-suq tal-fwejjaħ għall-irġiel fi Spanja. Unilever ma qajmet l-ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-objettività tal-eżami fl-isfond tas-suq magħmul mill-Kummissjoni ([3]).

Essenzjalment, il-proposta finali tal-impenji tikkonsisti f'divestitura sħiħa tan-negozju Sanex fost il-kategoriji kollha tal-prodotti fiż-ŻEE. Din tinkludi b'mod partikolari il-marki kummerċjali Sanex kollha fl-Ewropa, propjetà ta' Unilever, kif ukoll ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali oħrajn (riferiti bħala "DPIs") li jintużaw fi jew jirrelataw man-negozju Sanex.

([1]) Skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' Uffiċjali tas-Seduta f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni (ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21).

([2]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

([3]) L-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/462/KE.

B'hekk, il-Kummissjoni issib li l-impenji emendati jikkostitwixxu rimedju aċċettabbli għat-tħassib ġenerali dwar il-kompetizzjoni identifikat fid-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet. Il-Kummissjoni għaldaqstant tipproponi li tiddikjara, skont l-Artikolu 8(2) u 10(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-konċentrazzjoni notifikata kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim taż-ŻEE, soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet ta' hawn fuq.

L-ebda domanda jew sottomissjoni ma saritli mill-parti li tinnotifika, il-parti l-oħra involuta jew kwalunkwe parti terza. Fid-dawl ta' dan u meta nikkunsidraw li l-każ ma jsejjaħ l-ebda kummenti partikolari fir-rigward tad-dritt tas-smigħ, jien nikkunsidra li d-dritt tal-partijiet li jinstemgħu f'dan il-każ ġie rrispettat.

Brussell, it-12 ta' Novembru 2010

Michael ALBERS

## Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

## tas-17 ta' Novembru 2010

## li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE

## (Każ COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care)

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7934)*

**(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/10)

*Fis-17 ta' Novembru 2010 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi* [1], *u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa hija disponibbli fil-lingwa awtentika tal-każ u fil-lingwi proċedurali tal-Kummissjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej:*

*http://ec.europa.eu/comm/competition/index_mt.html*

### I. IL-PARTIJIET

(1) Unilever, kumpanija Anglo-Olandiża [2], hi fornitur mad-dinja kollha ta' oġġetti tal-konsumatur imfittxija ħafna fis-suq u għandha ishma primarji elenkati fil-Euronext Amsterdam (permezz ta' Unilever N.V.) u fil-London Stock Exchange (permezz ta' Unilever Plc). In-negozji prinċipali tagħha huma fil-kategoriji tal-ikel, tal-kura tad-dar u tal-kura personali. Fis-settur tal-kura tad-dar, Unilever hi fornitur minn ta' quddiem ta' prodotti għat-tindif u l-iġjene tat-tessuti u l-uċuħ. Id-diviżjoni tal-kura personali ta' Unilever tforni deodorants, prodotti tal-banju u x-xawer, prodotti għall-kura tal-ġilda, prodotti għall-kura orali u prodotti għall-kura tax-xagħar.

(2) Sara Lee Corporation hi fornitur mad-dinja kollha ta' oġġetti tad-ditta għall-konsumatur u topera fis-setturi tal-laħam, it-tisjir fil-forn, xorb u l-kura tad-dar u l-ġisem. Il-kwartieri prinċipali tagħha jinsabu fl-Istati Uniti tal-Amerika u hi kkwotata fin-New York Stock Exchange u ċ-Chicago Stock Exchange. Sara Lee Body Care hi magħmula minn (i) in-negozju globali tal-kura tal-ġisem li jimmanifattura u jforni prodotti madwar id-dinja kollha għall-użu fil-banju u x-xawer, deodorants, prodotti għall-kura tat-trabi, prodotti tal-irġiel għall-użu fil-kamra tal-banju u għall-kura orali u (ii) in-negozju Ewropew tal-kura relatata mal-ħasil tal-ħwejjeġ li jforni prodotti tat-tindif u l-conditioning tat-tessuti u oġġetti ta' għajnuna relatati mal-ħasil tal-ħwejjeġ.

### II. L-OPERAZZJONI

(3) Fil-25 ta' Settembru 2009, Unilever għamlet offerta għan-negozju globali tal-kura tal-ġisem u negozju Ewropew tal-kura relatata mal-ħasil tal-ħwejjeġ ta' Sara Lee Corporation. L-akkwist minn Unilever hu strutturat bħala numru ta' xirjiet ta' ishma u assi li jinvolvu lil Sara Lee Body Care minn Sara Lee Corporation, kif stipulat fil-Ftehim tal-Bejgħ u x-Xiri (il-"FBX").

(4) Peress li wara t-tlestija tat-tranżazzjoni nnotifikata, Uniliver tipposjedi l-ishma u l-assi kollha ta' Sara Lee Body Care, it-tranżazzjoni proposta tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

### III. SOMMARJU

(5) Wara li eżaminat in-notifika, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni fil-31 ta' Mejju 2010, li biha kkonkludiet li l-operazzjoni taqa' fi ħdan l-ambitu tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq intern u mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE, u tat bidu għal proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)c tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(6) Fit-12 ta' Awwissu 2010, intbagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lill-Unilever skont l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Unilever wieġbet għal din id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet fis-27 ta' Awwissu 2010.

(7) Fil-21 ta' Settembru 2010, Unilever offriet impenji bil-għan li trendi l-konċentrazzjoni proposta kompatibbli mas-suq intern. Dawn l-impenji ġew modifikati u l-verżjoni finali tal-impenji tressqet lill-Kummissjoni fit-12 ta' Novembru 2010.

### IV. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(8) Unilever u Sara Lee Body Care huma t-tnejn attivi fil-forniment ta' prodotti tal-kura personali u tad-dar. L-attivitajiet tagħhom huma simili f'dawn il-kategoriji: deodorants, tindif tal-ġilda (prodotti għall-ħasil personali bħal prodotti tal-banju u x-xawer u s-sapun), kura tal-ġilda (prodotti ddisinjati għan-nutriment u ż-żamma tal-ġilda niedja, kemm tal-idejn kif ukoll tal-ġisem), kura tat-tessut (deterġenti, conditioners u oġġetti ta' għajnuna relatati mal-ħasil tal-ħwejjeġ), trattamenti ta' wara t-tqaxxir tal-leħja, kura

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
[2] Unilever għandha struttura elenkata doppja magħmula minn Unilever N.V. u Unilever Plc. Iż-żewġ entitajiet jeżistu bħala kumpaniji separati iżda joperaw bħala unità ekonomika waħda.

orali (toothpaste), kura tax-xagħar (xampù, conditioners u prodotti tal-istil), u tindif tad-dar (prodotti tat-tindif b'aktar minn użu wieħed).

(9) Irrispettivament mid-delineazzjoni preċiża tas-suq, it-tranżazzjoni ma tqajjimx tħassib dwar il-kompetizzjoni fil-kategoriji li ġejjin: tindif tal-ġilda, kura tal-ġilda, kura tat-tessut, trattamenti ta' wara t-tqaxxir tal-leħja, kura orali, kura tax-xagħar u tindif tad-dar.

(10) Dan is-sommarju jiffoka biss fuq deodorants li għalihom ġie identifikat tfixkil sinifikanti tal-kompetizzjoni effettiva f'numru ta' swieq nazzjonali, notevolment il-Belġju, id-Danimarka, l-Irlanda, l-Pajjiżi l-Baxxi, l-Portugall, Spanja u r-Renju Unit.

## A. **Is-swieq rilevanti**

(11) Deodorants huma prodotti li jimminimizzaw jew jeliminaw l-effetti negattivi tal-għaraq permezz tal-kontroll tar-riħa u/jew it-tixrib. Dawn qed isiru dejjem aktar differenti skont il-ġeneru u ħafna marki għandhom varjanti fis-suq intiżi speċifikament għall-kunsumaturi rġiel u nisa. Ċerti marki jinbiegħu b'varjanti tal-irġiel jew nisa biss. F'ċerti Stati Membri (b'mod speċjali Spanja) teżisti kategorija "unisex", bi prodotti mmirati kemm għall-konsumaturi rġiel u kemm nisa.

(12) Id-deodorants jinbiegħu f'suriet differenti. Tista' ssir distinzjoni bejn suriet bil-kuntatt (primarjament roll-ons, kremi, stick u wipes) u suriet mingħajr kuntatt. Marki tad-deodorants huma tipikament assoċjati ma' ċerti funzjonalitajiet ewlenin, dawk l-aktar importanti huma "l-effikaċità", "l-kura tal-ġilda" jew "il-fwieħa".

(13) Il-marka minn ta' quddiem ta' Sara Lee hi Sanex [1]. It-tqegħid fis-suq tagħha jiffoka primarjament fuq il-wegħdiet ta' ġilda b'saħħita, għalkemm il-konsumaturi jagħtu valur lil Sanex ukoll għall-kredenzjali ta' effikaċità tagħha.

(14) Unilever għandha tliet marki ewlenin fl-UE: Axe, Rexona u Dove [2]. Axe (magħrufa bħala Lynx fir-Renju Unit u l-Irlanda) hi deodorant esklussivament għall-irġiel. Rexona (magħrufa bħala Sure fir-Renju Unit u l-Irlanda) hi ppożizzjonata bħala prodott effikaċi, disponibbli f'varjanti tal-irġiel u n-nisa għalkemm il-kredenzjali tagħha huma aktar sodi fiż-żona tan-nisa. Id-deodorants Dove għandhom fok partikolari fuq moisturising superjuri fil-ġlieda kontra n-nixfa tal-ġilda. Il-marka kienet esklussivament immirata lejn in-nisa iżda numru ta' prodotti taħt il-marka Dove Men + Care, li tinkludi deodorants, ġew varati f'diversi Stati Membri fl-UE f'Jannar 2010.

(15) Il-kompetituri ewlenin tal-Partijiet fiż-ŻEE huma: Beiersdorf (li tqiegħed fis-suq in-Nivea, waħda mill-marki ewlenin tad-deodorants fiż-ŻEE), Henkel (bil-marka tagħha Fa), Colgate-Palmolive (li tforni deodorants taħt il-marki Palmolive u Soft & Gentle), L'Oreal (attiva b'marki bħal Narta, Ushuaïa u Garnier Mineral) u Procter & Gamble (li tqiegħed fis-suq il-marki Mum, Secret, Gillette u Old Spice).

### *Id-definizzjoni ta' deodorants skont is-suq*

(16) Fir-rigward tas-suq tal-prodott rilevanti, l-investigazzjoni tas-suq ma kkonfermattx id-definizzjoni tas-suq tal-prodott proposta mill-Partijiet fejn id-deodorants tal-irġiel jiffurmaw parti mill-istess suq tal-prodott rilevanti bħala deodorants mhux għall-irġiel. Minflok, l-investigazzjoni turi li deodorants tal-irġiel u dawk mhux għall-irġiel jiffurmaw żewġ swieq ta' prodotti distinti.

(17) L-investigazzjoni tas-suq provdiet numru ta' elementi li ppermettew l-konklużjoni li deodorants tal-irġiel u dawk mhux għall-irġiel mhumiex sostitwibbli min-naħa tad-domanda, inkluż l-organizzazzjoni tal-ixkaffi separati, differenzi tal-prezzijiet, andamenti ta' tkabbir differenti, u użu limitat bejn il-ġeneru. Rigward is-sostitwibbilità min-naħa tal-fornitura, ir-riżultat tal-investigazzjoni ma appoġġjax il-konklużjoni li deodorants tal-irġiel u dawk mhux għall-irġiel huma sostituti għall-għan tad-definizzjoni tas-suq tal-prodott rilevanti. Jekk l-estensjoni ta' marka magħrufa tad-deodorants tal-irġiel/nisa/unisex f'kategorija tal-ġeneru differenti fil-prinċipju tkun "possibbli" għall-fornituri tad-deodorants ewlenin, tali estensjoni xorta tkun tirrikjedi żmien u investiment sinifikanti għat-tħejjija u t-tnedija tal-prodott. Għalhekk ġie konkluż li deodorants tal-irġiel u deodorants mhux għall-irġiel huma swieq ta' prodotti rilevanti separati.

(18) F'relazzjoni mas-suq ġeografiku rilevanti, l-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat li s-suq ġeografiku għad-deodorants jibqa' nazzjonali fl-ambitu. Il-klijenti u l-kompetituri matul l-Istati Membri kollha fissru li l-prezzijiet u l-preferenzi tal-konsumaturi għall-marki, is-suriet u l-varjetajiet ta' ġeneru jvarjaw bejn il-pajjiżi. Marki lokali xorta għad għandhom rwol importanti f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, kważi l-parteċipanti kollha fis-suq ikkonfermaw li n-negozjati tal-prezz kif ukoll l-akkwist saru fuq livell nazzjonali. Għalhekk, is-swieq tad-deodorants ġew analizzati fuq livell nazzjonali.

## B. **Evalwazzjoni kompetittiva**

### *Daħla*

(19) Il-Kummissjoni għamlet investigazzjoni fil-fond tal-istruttura u tat-tħaddim tas-swieq tad-deodorants ikkonċernati mill-amalgamazzjoni proposta. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni sabet li l-amalgamazzjoni x'aktarx li se

[1] Sara Lee tforni wkoll deodorants taħt marki oħra li jinkludu Radox (ir-Renju Unit u l-Irlanda), Williams (il-Belġju, id-Danimarka, Franza u Spanja), Duschdas (il-Ġermanja); Monsavon (Franza) u Neutral (id-Danimarka, l-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja). Dawn il-marki huma inqas importanti fil-portafoll tad-deodorants ta' Sara Lee meta mqabbla mal-marka ewlenija Sanex.

[2] Barra l-marki ewlenin hi għandha żewġ marki preżenti f'ċerti swieq nazzjonali: Vaseline (Vasenol fil-Portugall) u Impulse.

tirriżulta fi tfixkil sinifikanti tal-kompetizzjoni effettiva fis-swieq ta' deodorants mhux għall-irġiel fil-Belġu, id-Danimarka, l-Irlanda, l-Pajjiżi l-Baxxi, l-Portugall, Spanja u r-Renju Unit. Fir-rigward tas-suq ta' deodorants tal-irġiel, tfixkil sinifikanti tal-kompetizzjoni effettiva ġie idenfitikat biss fi Spanja.

(20) Il-premessi li ġejjin jiddeskrivu, l-ewwel, l-evalwazzjoni tal-argumenti ġenerali li kienu applikabbli għall-Istati Membri kollha msemmija qabel. It-tieni, ġiet ippreżentata evalwazzjoni speċifika għall-pajjiż qabel taqsira tal-impenji offruti.

***Evalwazzjoni Ġenerali***

(21) Fi swieq differenzjati bħas-suq għad-deodorants, l-ishma tas-suq, għalkemm jipprovdu indikazzjoni tal-poter tas-suq tal-Partijiet jistgħu ma jkunux qed jirriflettu l-interazzjoni kompetittiva sħiħa. Id-Deċiżjoni teżamina l-elementi li jindikaw żieda fil-prezz qabel jiġu diskussi l-fatturi kompensatorji f'konformità mal-qafas għall-analiżi ta' effetti mhux koordinati fil-Linji Gwida dwar l-Għaqdiet Orizzontali ([1]).

*Il-probabbiltà ta' żieda fil-prezz*

(22) Fi swieq differenzjati, l-ammont ta' sostitwibbiltà bejn il-prodotti tal-kumpaniji li qed jingħaqdu hu element essenzjali fl-evalwazzjoni tal-effetti tal-amalgamazzjoni. Fir-rigward tal-qrubija tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-marki ta' Unilever (Dove, Rexona/Sure, u Vasenol/Vaseline) għandhom pożizzjoni tal-marka komparabbli għal Sanex. Id-dokumenti interni ta' Unilever u analiżi ta' numru ta' studji tal-interazzjoni jikkonfermaw ukoll il-qrubija bejn il-marki ta' Unilever u Sanex.

(23) Il-Kummissjoni għamlet simulazzjoni tal-amalgamazzjoni li indikat il-possibbiltà ta' żieda fil-prezz wara t-tranżazzjoni. Il-mudell għandu żewġ komponenti. In-naħa tad-domanda tiddeskrivi kif il-konsumaturi jagħżlu prodott tad-deodorant u ntużaw mudelli magħrufa bħala "nested logit". In-naħa tal-forniment tiddeskrivi kif il-manifatturi jagħżlu l-prezzijiet tagħhom: il-mudell jassumi li l-manifatturi jikkompetu billi jissettjaw il-prezzijiet tal-prodotti tagħhom filwaqt li jħarsu lejn id-domanda kif deskritt mill-mudell li ġie stmat. Iż-żieda fil-prezz li ġiet prevista nkisbet permezz ta' tqabbil tal-ekwilibriju ta' wara l-amalgamazzjoni tal-mudell mal-ekwilibriju prevalenti ta' qabel l-amalgamazzjoni. Biex issir simulazzjoni tal-prezzijiet ta' wara l-amalgamazzjoni, il-mudell ekonomiku użat jassumi li, wara l-amalgamazzjoni, il-marki amalgamati jingħataw prezzijiet mill-istess kumpanija, meta kienu qed jikkompetu flimkien qabel l-amalgamazzjoni.

*Nuqqas ta' poter ta' kontrobilanċ min-naħa tax-xerrej*

(24) Unilever għandha pożizzjoni kbira fis-suq tad-deodorants, li tippermettilha pożizzjoni ta' negozzjar aħjar meta mqabbla ma' dik tal-kompetituri tagħha. Il-Kummissjoni kkonkludiet li din il-pożizzjoni se tkun aktar imsaħħa permezz tat-tranżazzjoni proposta u ma tistax issirilha kompetizzjoni minn negozji peress li l-pożizzjoni ta' negozzjar tagħhom qed tkompli tiddgħajjef.

(25) Fil-fatt, la l-pressjoni kompetittiva li saret minn tikketti privati u lanqas it-theddida jew it-tneħħija mil-lista effettiva mill-ixkafef tan-negozjanti jew il-marġini relattivi ma wrew li n-negozjanti se jkunu kapaċi jirreżistu żieda ġenerali tal-prezzijiet ta' Unilever wara l-amalgamazzjoni.

(26) Wara li saret evalwazzjoni tal-elementi kollha, ġie konkluż li l-poter tax-xerrej mhux se jagħmel mitigazzjoni tal-possibbiltà ta' żieda tal-prezz.

*Dħul suffiċjenti x'aktarx li mhux se jseħħ*

(27) Maġġoranza tal-kompetituri, iżda wkoll numru għoli ta' klijenti fis-swieq tad-deodorants indikaw li d-dħul (jew l-espansjoni) fis-suq tad-deodorant – kemm minn suq ta' ħdejh tal-kura personali jew bħala parteċipanti ġodda – hu diffiċli, u li ostakli għad-dħul fis-swieq tad-deodorants huma ġeneralment kbar. Tassew, dħul b'suċċess ta' marka ġdida jew l-introduzzjoni ta' varjant tal-ġeneru ġdid minn fornitur eżistenti tad-deodorant jinvolvu investiment u żmien sinifikanti minħabba diversi stadji kruċjali (l-ittestjar tal-kunċett, id-distribuzzjoni, it-tqegħid fis-suq).

(28) Barra minn hekk, dokumenti interni u eżempji tad-dħul riċenti ta' Garnier Mineral urew li Unilever bħala l-kumpanija diġà stabbilita minn ta' quddiem b'diversi marki għandha mhux l-abbiltà, iżda wkoll l-inċentiv biex tipprova tipprevjeni d-dħul ta' marki ġodda jew l-espansjoni ta' wħud li diġà jeżistu.

(29) Għalhekk, ġie konkluż li ostakli għad-dħul huma kbar b'mod sinifikanti fis-swieq tad-deodorants.

***Evalwazzjoni speċifika għall-pajjiż***

(30) Fil-biċċa l-kbira tas-swieq nazzjonali kkonċernati, it-tranżazzjoni tkun tirriżulta fit-tisħiħ aktar tal-pożizzjoni ewlenija li diġà għandha Unilever fuq id-deodorants mhux għall-irġiel (eċċezzjoni waħda kienet id-Danimarka, fejn Sara Lee kienet il-mexxej tas-suq u Unilever kienet fit-tieni post). Għalkemm iż-żieda tvarja, din kienet ġeneralment sinifikanti u aktar minn 6 punti perċentwali. Barra minn hekk, f'dawn l-Istati Membri kollha, it-tieni l-akbar kompetitur kien se jnaqqas b'mod sinifikanti l-ishma tas-suq mill-ishma tas-suq ikkombinati tal-Partijiet fid-deodorants mhux għall-irġiel, kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| Pajjiż | Unilever f' % | Sara Lee f' % | Ikkombinati f' % | Kompetituri f' % |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 30-40 | 10-20 | 50-60 | Henkel: 10-20<br>Beiersdorf: 10-20<br>Tikketti privati: 5-10 |

([1]) Linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-għaqdiet orizzontali skont ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, il-ĠU C 31, 5.2.2004, p. 5 (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Linji Gwida dwar l-Għaqdiet Orizzonatli").

| Pajjiż | Unilever f' % | Sara Lee f' % | Ikkombinati f' % | Kompetituri f' % |
|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 20-30 | 20-30 | 40-50 | Unicare: 10-20<br>Beiersdorf: 10-20<br>E. Tjellesen: 5-10 |
| L-Irlanda | 60-70 | 5-10 | 60-70 | Beiersdorf: 10-20<br>Colgate: 10-20<br>Revlon: 0-5 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 30-40 | 10-20 | 40-50 | Beiersdorf: 10-20<br>Oħrajn: 10-20<br>Henkel: 5-10 |
| Il-Portugall | 40-50 | 5-10 | 40-50 | Beiersdorf: 20-30<br>L'Oreal: 10-20<br>Tikketti privati: 5-10 |
| Spanja (suq mhux għall-irġiel) | 20-30 | 20-30 | 40-50 | Tikketti privati: 20-30<br>G. Puig: 5-10<br>Beiersdorf: 5-10 |
| Spanja (suq tal-irġiel) | 50-60 | 10-20 | 60-70 | Beiersdorf: 10-20<br>G. Puig: 5-10<br>Coty: 5-10 |
| Ir-Renju Unit | 50-60 | 5-10 | 60-70 | Colgate: 5-10<br>Revlon: 5-10<br>Beiersdorf: 5-10 |

### Il-Belġju

(31) Fil-Belġju, l-investigazzjoni tas-suq uriet li kien hemm interazzjoni kompetittiva sinifikanti bejn il-marki tal-Partijiet. Dik l-aktar b'suċċess fis-suq tad-deodorant mhux għall-irġiel kienet Sara Lee permezz tal-marka tagħha Sanex, li l-bejgħ tagħha żdied b' [10-20 %] bejn l-2008 u l-2009. Ir-riskju li jintilef il-bejgħ għal-Sanex kien restrizzjoni tal-kompetittività importanti fuq Unilever li t-tranżazzjoni telimina. Iż-żieda tal-prezz globali simulat għall-kategorija totali tad-deodorant tkun ta' bejn 4-5 %, u madwar 6 % fis-suq tad-deodorants mhux għall-irġiel. Barra minn hekk, Sanex kienet prevista li għandha żiediet kbar tal-prezz (bejn 14 % u 20 %).

### Id-Danimarka

(32) Sara Lee kienet in-numru wieħed u l-aktar fornitur b'suċċess ta' deodorants mhux għall-irġiel fid-Danimarka. L-investigazzjoni tas-suq żvelat li ċerti kompetituri jfornu marki ta' kwalità/prestiġju li kienu kompetituri kemm xejn mill-bogħod għall-marki tal-Partijiet. Id-differenza fil-prezz bejn dawn il-marki u l-"marki tas-suq tal-massa" bħall-marki tal-Partijiet baqgħet sinifikanti. It-tranżazzjoni kienet se telimina r-rivalità bejn iż-żewġ fornituri ewlenin peress li l-marki ta' Sara Lee kienu restritti minn Unilever u viċi versa.

### L-Irlanda

(33) Fl-Irlanda, l-ishma tas-suq kombinati fis-suq tad-deodorants mhux għall-irġiel – 60 %-70 % – kienu sinifikanti ħafna (it-tieni kumpanija – Beiersdorf – tkun ħafna iżgħar mill-entità l-ġdida). L-investigazzjoni tas-suq indikat li l-marki tal-Partijiet kienu kompetituri mill-qrib, b'mod speċjali Dove u Sanex. Din indikat ukoll il-fatt li t-tranżazzjoni kienet se telimina forza kompetittiva li tħeġġeġ ir-rivalità kompetittiva fis-suq.

### Il-Pajjiżi l-Baxxi

(34) Fil-Pajjiżi l-Baxxi, Unilever u Sara Lee kienu l-ewwel u t-tielet fornitur fis-suq tad-deodorants mhux għall-irġiel. L-aktar kumpanijia b'suċċess kienet Sara Lee, li l-bejgħ tagħha żdied b' [10-20 %] bejn l-2007 u l-2009, b'Sanex iżżid il-bejgħ tagħha b' [10-20 %] u Neutral b' [20-30 %]. It-tranżazzjoni kienet se telimina kompetitur mill-qrib għal tnejn mill-marki ewlenin ta' Unilever. Il-possibbiltà ta' żieda fil-prezz minħabba t-tranżazzjoni kienet għalhekk sinifikanti u s-simulazzjoni tal-amalgamazzjoni indikat żieda fil-prezz ta' 5-6 % għal deodorants fis-suq mhux għall-irġiel. Il-mexxejja ewlenin kienu jkunu ż-żiediet fil-prezz minn Sanex (madwar 20 %) u Dove (bejn 7 u 11 %).

### Il-Portugall

(35) Fil-Portugall, il-Partijiet kienu se jiksbu sehem fis-suq kombinat ta' [40-50 %] fis-suq tad-deodorants mhux għall-irġiel. Dan kien se jeċċedi b'iktar minn 2 darbiet aktar is-sehem tal-eqreb kompetitur li kien Beiersdorf u kien se jkun 4 darbiet akbar mill-kompetitur li jmiss L'Oréal. L-investigazzjoni tas-suq żvelat li l-marki tal-Partijiet kienu kompetituri mill-qrib, b'mod partikolari Vasenol, Dove u Sanex. Barra minn hekk, anki jekk Sanex niżlet l-isfel bejn l-2003 u l-2007, din kienet marka stabbilità mill-2007 u waħda mill-ħames/sitt marki ewlenin fil-Portugall.

### Spanja (suq mhux għall-irġiel)

(36) Fi Spanja, Sara Lee u Unilever kienu l-akbar fornituri fis-suq tad-deodorants mhux għall-irġiel, fejn it-tnejn li huma kienu aktar minn darbtejn id-daqs tat-tielet l-akbar fornitur Puig. Il-qrubija tal-kompetizzjoni bejn il-marki tal-Partijiet kienet ukoll ikkonfermata permezz tal-investigazzjoni tas-suq. Filwaqt li l-bejgħ ta' tikketti privati kien b'mod partikolari sinifikanti fi Spanja (20 %) u wera rati ta' tkabbir għolja, din iż-żieda kienet primarjament b'riżultat tal-istrateġija ta' negozjant speċifiku wieħed. Barra minn hekk, iż-żieda tal-bejgħ ta' tikketti privati kellha impatt fuq il-marki tal-kompetituri (li l-bejgħ tagħhom waqa' bejn 15 u 50 %) filwaqt li Sanex kibret kemxejn u Unilever baqgħet stabbli.

Spanja (suq tal-irġiel)

(37) Fis-suq tal-irġiel ta' Spanja, Unilever u Sara Lee kienu l-aħbar fornituri fis-suq. L-investigazzjoni żvelat interazzjoni kompetittiva sinifikanti bejn il-marki ta' Sara Lee (Sanex u Williams) u l-marki ta' Unilever (Axe u Rexona), f'termini tal-propożizzjoni tal-marka u l-pożizzjoni tal-prezz. Is-simulazzjoni tal-amalgamazzjoni indikat żieda tal-prezz ta' 2,2 % għal deodorants tal-irġiel.

Ir-Renju Unit

(38) Fir-Renju Unit, il-Partijiet kisbu sehem tas-suq kombinat ta' [60-70 %] fis-suq tad-deodorants mhux għall-irġiel filwaqt li l-kompetitur ewlieni li jibqa' jeżisti kien se jkun Colgate b'ishma fis-suq ta' [5-10 %]. Apparti l-Partijiet, kien hemm biss tliet kompetituri b'sehem fis-suq b'iktar minn 2 %. Id-dejta kwalitattiva u kwantitattiva miġbura waqt l-investigazzjoni tas-suq żvelat li l-marki tal-Partijiet jikkompetu mill-qrib flimkien. Is-simulazzjoni tal-amalgamazzjoni bassret żieda fil-prezzijiet fil-kategorija totali tad-deodorants ta' madwar 2-3 % u ta' 4 % fis-suq tad-deodorants mhux għall-irġiel. Fuq il-livell tal-marka, Sanex kien imbassar li kien se jkollha żieda kbira fil-prezz (madwar 30 %).

## C. **Impenji**

(39) Sabiex jitneħħew l-elementi ta' tħassib identifikati dwar il-kompetizzjoni li tqajmu minħabba t-tranżazzjoni, il-Partijiet ipproponew li jieħdu impenji taħt l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. L-ewwel sett ta' impenji ġie sottomess fil-21 ta' Settembru 2010, aġġornat fl-24 ta' Settembru 2010, bl-għan li tinkiseb approvazzjoni tal-operazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni. Il-pakkett ta' rimedju kien jikkonsisti f'liċenzja ta' 5 snin għall-iskopijiet biex jingħata isem ġdid lil (i) il-prodotti kollha taħt il-marka kummerċjali Sanex fir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi u d-Danimarka u (ii) il-marka kummerċjali Rexona f'Spanja u l-Portugall f'relazzjoni mad-deodorants.

(40) Sussegwentament, il-Kummissjoni ttestjat l-impenji fis-suq. Ir-riżultati tal-ewwel test tas-suq urew li titjib sinifikanti kien meħtieġ. B'riżultat ta' dan, il-Partijiet issottomettew fis-7 ta' Ottubru 2010 sett imtejjeb ta' impenji li jikkonsisti fi żvestiment sħiħ tan-negozju tad-deodorants Sanex fil-Belġju, id-Danimarka, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja, il-Portugall u r-Renju Unit. Unilever iżżomm il-marka Sanex għall-prodotti/pajjiżi kollha l-oħra bl-obbligu li terġa' tagħti marka mill-ġdid.

(41) L-ittestjar fis-suq tat-tieni pakkett wera li l-iżvestiment tad-deodorants Sanex kienet soluzzjoni aktar ċara u aktar preferuta mill-ewwel wieħed iżda ċertu tħassib ġie espress fir-rigward tal-vijabbiltà ta' rimedju li jaqsam lil Sanex bejn deodorants u kategoriji ta' prodotti oħrajn. Il-Partijiet ġew infurmati dwar dan it-tħassib u fit-12 ta' Novembru 2010 issottomettew pakkett ta' impenji finali.

(42) L-impenji finali jikkonsistu fi żvestiment sħiħ tan-negozju Sanex fil-kategoriji tal-prodotti kollha fiż-ŻEE u jinkludu d-drittijiet kollha tal-marka kummerċjali fil-pussess ta' Unilever fl-Ewropa f'relazzjoni ma' Sanex, id-drittijiet kollha tal-propjetà intellettwali fil-pussess ta' Unilever fl-Ewropa li huma użati fin-Negozzju Sanex jew li huma relatati miegħu inkluż innovazzjonijiet li għadhom ġejjin, il-kuntratti kollha, il-kirjiet, l-impenji u l-ordnijiet tal-klijenti, inkluż il-kuntratti kollha ta' co-packing relatati man-Negozju ta' Żvestiment, aċċess għat-tagħmir kollu tal-produzzjoni u l-linji tal-produzzjoni użati fin-Negozju Sanex kif ukoll il-Persunal Ewlieni.

(43) Il-pakkett ta' rimedju finali jneħħi b'mod ċar it-tħassib identifikat dwar il-kompetizzjoni, peress li dan jipprovdi għal żvestiment permanenti ta' Sanex inkluż deodorants fis-seba' Stati Membri kollha fejn ġie identifikat tħassib dwar il-kompetizzjoni, mingħajr ma jqajjem kwistjonijiet ta' vijabbiltà. Dan jikkostitwixxi rimedju nadif, li jista' jseħħ u effettiv kapaċi li joħloq kompetitur viabbli u effettiv peress li din is-soluzzjoni tindirizza t-tħassib kollu dwar il-vijabbiltà li ġie espress waqt it-tieni test fis-suq dwar il-qsim tal-marka propost fit-tieni proposta ta' impenji.

## V. **KONKLUŻJONI**

(44) Għal dawn ir-raġunijiet li ssemmew hawn fuq, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta mhijiex se tostakola b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Intern jew f'parti sostanzjali tiegħu.

(45) Bħala konsegwenza l-konċentrazzjoni għandha tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-Suq Intern u mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE, b'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6445 – Eurochem/BASF Antwerp Assets)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/11)

1. Fl-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Eurochem International Holding B.V. ("Eurochem BV", il-Pajjiżi l-Baxxi), kkontrollata minn Eurochem Group SE ("Eurochem SE", Ċipru) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' ċerti assi ta' fertilizzanti li huma attwalment ikkontrollati minn BASF Antwerpen N.V ("BASF Antwerp Assets", il-Belġju) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Eurochem SE: l-estrazzjoni ta' minerali għal fertilizzanti u l-manifattura u l-bejgħ ta' fertilizzanti,

— għal BASF Antwerp Assets: manifattura ta' fertilizzanti minerali għall-għelieqi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6445 – Eurochem/BASF Antwerp Assets, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6451 – Schneider Electric France/Bouygues Immobilier/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/12)

1. Fl-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tiegħu l-impriżi Schneider Electric France u Bouygues Immobilier (Franza) joħolqu, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, impriża konġunta li toffri servizzi ta' prestazzjoni tal-enerġija. Din l-operazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3 (1)(b) tal-istess Regolament.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Schneider Electric France hija kumpanija kkontrollata mill-grupp Schneider Electric, li huwa speċjalizzat fil-qasam tal-ġestjoni tal-enerġija. Il-grupp joħloq, jipproduċi u jbigħ prodotti, tagħmir u sistemi ta' tqassim tal-enerġija, ta' kontroll industrijali u ta' awtomatizzazzjoni. Schneider Electric France tiżgura l-attivitajiet tal-grupp fi Franza,

— Bouygues Immobilier hija parti mill-grupp Bouygues ("Bouygues"). Bouygues (Franza) u hija attiva fis-setturi tal-kostruzzjoni, it-telekomunikazzjonijiet u l-midja,

— L-impriża konġunta se toffri servizzi maħsuba biex itejjbu u jisfruttaw bl-aħjar mod l-effiċjenza tal-enerġija tal-bini għall-uffiċċju, ġodda jew qodma.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6451 – Schneider Electric France/Bouygues Immobilier/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

# Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.6216 – IHC/DEME/OceanflORE JV)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 23/13)

1. Fit-23 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriżi IHC Merwede Holding B.V ("IHC", il-Pajjiżi l-Baxxi) u DEME N.V. ("DEME", il-Belġju) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll konġunt tal-impriża OceanflORE B.V. ("OceanflORE JV", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal IHC: żvilupp ta' teknoloġija u kostruzzjoni ta' tagħmir użat għal attivitajiet ta' tħammil, attivitajiet marbuta mat-tħammil, tħaffir fil-baħar u bosta attivitajiet lil hinn mill-kosta,

— għal DEME: provvista ta' servizzi fil-qasam ta' tħammil, reklamazzjoni tal-art, inġinerija idrawlika marittima, u setturi ambjentali,

— għal OceanflORE JV: provvista ta' servizzi ta' tħaffir f'qiegħ il-baħar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6216 – IHC/DEME/OceanflORE JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT